MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 275/2011

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti pprezentat u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Mejju 1981 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal; illum it-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Burlo mit-30 ta’ Jannar 2003;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom tmien snin separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuna ohra /familji godda;

Illi m' hemm l-ebda manteniment dovut f' dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u il' fuq minn 23 sena u ghalhekk l-intimata m' hijix aktar intitolata ghall-manteniment skont klawsola 2(d) u (e), ghat-tfal taghha;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------